Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2025/2133(INI)

17.7.2025

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-indirizzar tal-ktajjen tas-sottokuntrattar u r-rwol tal-intermedjarji sabiex jiġu protetti d-drittijiet tal-ħaddiema
(2025/2133(INI))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Johan Danielsson

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 9

ANNESS: DIKJARAZZJONI TA' KONTRIBUT 11

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-indirizzar tal-ktajjen tas-sottokuntrattar u r-rwol tal-intermedjarji sabiex jiġu protetti d-drittijiet tal-ħaddiema
(2025/2133(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali,

– wara li kkunsidra d-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi[1], kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/957,

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/67/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonament ta' ħaddiema fil-qafas tal-prestazzjoni ta' servizzi u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("ir-Regolament tal-IMI")[2],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2024/1712[3],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tat-30 ta' April 2024 dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2018/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (COM(2024)0320),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tas-26 ta' Mejju 2025 bit-titolu "Evalwazzjoni tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA)" (COM(2025)0256),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ġunju 2021 bit-titolu "Qafas strateġiku tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol 2021-2027 Is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali għal dinja tax-xogħol li qed tinbidel" (COM(2021)323 final), inkluż l-approċċ Viżjoni Żero għall-imwiet relatati max-xogħol fl-UE,

– wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Mejju 2020 bit-titolu "Making socially responsible public procurement work: 71 good practice cases" (Nagħmlu l-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli – 71 każ ta' prattiki tajba)[4],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-2025 tal-ELA bit-titolu "Posting of third-country

[1] ĠU L 18, 21.1.1997, pp. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1996/71/oj.
[2] ĠU L 159, 28.5.2014, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/67/oj.
[3] ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/36/oj.
[4] https://data.europa.eu/doi/10.2826/844552.

nationals: contracting chains, recruitment patterns, and enforcement issues" (Stazzjonar ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi: Katini ta' kuntrattar, xejriet ta' reklutaġġ, u kwistjonijiet ta' infurzar)[5],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-ELA ta' Frar 2023 bit-titolu "Cooperation practices, possibilities and challenges between Member States – specifically in relation to the posting of third-country nationals" (Il-prattiki ta' kooperazzjoni, il-possibbiltajiet u l-isfidi bejn l-Istati Membri – speċifikament b'rabta mal-istazzjonar ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi)[6],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Europol ta' Diċembru 2024 bit-titolu "Leveraging legitimacy: How the EU's most threatening criminal networks abuse legal business structures" (Sfruttament tal-leġittimità: Kif in-networks kriminali l-aktar ta' theddida għall-UE jabbużaw mill-istrutturi tan-negozju legali),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 10 tal-Linji Gwida tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar il-prinċipji ġenerali tal-ispezzjoni tax-xogħol,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-ILO dwar l-Aġenziji Privati tal-Impjieg (il-Konvenzjoni Nru 181, 1997),

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-ILO dwar is-Sikurezza u s-Saħħa fil-Kostruzzjoni (il-Konvenzjoni Nru 167, 1988),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2021 dwar l-introduzzjoni ta' pass Ewropew tas-sigurtà soċjali għat-titjib tal-infurzar diġitali tad-drittijiet ta' sigurtà soċjali u ta' mobbiltà ekwa[7],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2025 dwar l-aspetti soċjali u relatati mal-impjiegi tal-proċessi ta' ristrutturar: il-ħtieġa li jiġu protetti l-impjiegi u d-drittijiet tal-ħaddiema[8],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Jannar 2024 dwar ir-reviżjoni tal-mandat tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol[9],

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' La Hulpe dwar il-Futur tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tas-16 ta' April 2024,

– wara li kkunsidra r-rapport tas-17 ta' April 2024 ta' Enrico Letta bit-titolu "Much more than a Market – Speed, Security, Solidarity: Empowering the Single Market to deliver a sustainable future and prosperity for all EU Citizens" (Ħafna aktar milli Suq – Veloċità, Sigurtà, Solidarjetà: Insaħħu l-pożizzjoni tas-Suq Uniku biex niksbu futur sostenibbli u prosperità għaċ-ċittadini kollha tal-UE" (ir-rapport Letta),

– wara li kkunsidra d-dokument ta' pożizzjoni tal-14 ta' Frar 2025 min-Netherlands, il-

[5] https://www.ela.europa.eu/sites/default/files/2025-03/ELA-posting-third-country-nationals-report.pdf.
[6] https://www.ela.europa.eu/sites/default/files/2023-04/ela-report-posting-third-country-nationals.pdf.
[7] ĠU C 224, 8.6.2022, p. 81.
[8] ĠU C, C/2025/3156, 20.6.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/3156/oj.
[9] ĠU C, C/2024/5741, 17.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/5741/oj.

Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Italja, il-Latvja u l-Lussemburgu dwar il-prijoritajiet ta' politika tal-UE għall-Kummissjoni 2024-2029 u l-istazzjonar ġust ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi,

– wara li kkunsidra l-istrateġiji nazzjonali għall-ġlieda kontra l-isfruttament tal-ħaddiema, ix-xogħol furzat u x-xogħol mhux iddikjarat[10],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A10-0000/2025),

A. billi l-isfruttament u l-abbuż tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol tal-UE jikkostitwixxu sfida mifruxa u urġenti, li tidher taħt diversi terminoloġiji, inkluż iżda mhux limitat għall-kriminalità relatata max-xogħol, ix-xogħol mhux iddikjarat, l-ekonomija griża, id-dumping soċjali, l-isfruttament tal-ħaddiema u l-iskjavitù moderna;

B. billi l-Europol tenfasizza li 86 % tan-networks kriminali l-aktar ta' theddida jużaw strutturi kummerċjali legali bħala parti mill-attività kriminali tagħhom;

C. billi fil-biċċa l-kbira tas-setturi f'riskju għoli ta' sfruttament tal-ħaddiema għandhom varjabbli komuni ta' intensità għolja tax-xogħol flimkien ma' dipendenza fuq ktajjen twal u kumplessi ta' sottokuntrattar, il-preżenza ta' intermedjarji tax-xogħol abbużivi kif ukoll dipendenza qawwija fuq ħaddiema stazzjonati, ħaddiema mobbli tal-UE u nazzjonali ta' pajjiżi terzi;

D. billi skont l-ELA, l-istazzjonar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi qed jiżdied, u wieħed minn kull erba' ħaddiema stazzjonati fl-2022 huwa nazzjonal ta' pajjiż terz;

E. billi s-sottokuntrattar huwa prattika importanti u jiffunzjona tajjeb f'ħafna setturi, filwaqt li jiffaċilita l-aċċess għal għarfien espert speċjalizzat; billi l-ktajjen twal u kumplessi tas-sottokuntrattar jistgħu, madankollu, iżidu r-riskji relatati mal-frodi, l-infiltrazzjoni kriminali, is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tal-ħaddiema, u l-kompetizzjoni inġusta għall-intrapriżi, speċjalment l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs);

F. billi xi Stati Membri adottaw leġiżlazzjoni li tillimita t-tul tal-ktajjen tas-sottokuntrattar f'ċerti setturi; billi l-Kummissjoni tqis limitazzjoni għal-livelli ta' sottokuntrattar u l-estensjoni tar-responsabbiltà tas-sottokuntrattar għall-katina sħiħa bħala prattika tajba għall-Istati Membri; billi hemm ukoll intrapriżi li volontarjament irrestrinġew it-tul tal-ktajjen tas-sottokuntrattar tagħhom;

G. billi l-prattika tal-intermedjazzjoni tax-xogħol mhijiex definita fil-liġi u tista' tieħu

[10] Ara, pereżempju: Ministeru Federali Ġermaniż għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali, *Nationaler Aktionsplan gegen Arbeitsausbeutung und Zwangsarbeit*, 2025; Ministeru Taljan għax-Xogħol u l-Politiki Soċjali, *Piano nazionale per la lotta al lavoro sommerso*, 2022; Ministeru Spanjol għall-Inklużjoni, is-Sigurtà Soċjali u l-Migrazzjoni, *Plan de Acción contra el Trabajo Forzoso*, 2021; Gvern Żvediż, *Nationell strategi mot arbetslivskriminalitet,* 2022, kif ukoll: Gvern Norveġiż, *Strategi mot arbeidslivskriminalitet*, 2021.

ħafna forom, li jvarjaw minn kumpaniji akbar stabbiliti għal reklutaturi individwali, sensara informali u saħansitra kapijiet ta' gruppi organizzati;

H. billi l-intermedjarji tax-xogħol li la huma rreġistrati, la liċenzjati u lanqas iċċertifikati spiss jintużaw biex jaħbu u jevitaw il-liġi tax-xogħol u r-responsabbiltà tal-impjegatur;

I. billi l-proċess ta' regolamentazzjoni tal-ktajjen tas-sottokuntrattar u tal-intermedjarji tax-xogħol fil-livell nazzjonali jista' jkun twil u diffiċli għall-Istati Membri, mhux l-anqas minħabba ambigwitajiet legali li jirriżultaw mir-regoli tas-suq intern;

Prevenzjoni tal-isfruttament tal-ħaddiema

1. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' approċċ Ewropew komprensiv għall-isfruttament tal-ħaddiema b'mod ġenerali, u forom abbużivi ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol b'mod partikolari, u għalhekk jitlob li jkun hemm strateġija Ewropea għall-ġlieda kontra l-isfruttament tal-ħaddiema;

2. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' ċarezza legali fir-rigward tal-possibbiltà li l-Istati Membri jirregolaw il-ktajjen tas-sottokuntrattar twal u kumplessi; jistieden lill-Kummissjoni tiċċara li r-regoli tas-suq intern tal-UE ma jżommux lill-Istati Membri milli jadottaw leġiżlazzjoni biex jindirizzaw il-ktajjen tas-sottokuntrattar twal u kumplessi, inkluż ir-rekwiżit ta' relazzjonijiet ta' impjieg dirett f'setturi b'riskju għoli, fejn ikun fattibbli u ġġustifikat bl-evidenza;

3. Itenni t-talba tiegħu[11] lill-Kummissjoni biex tikkunsidra direttiva qafas bil-għan li tindirizza l-isfidi relatati ma' forom abbużivi ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol fl-Ewropa u biex din id-direttiva qafas tintroduċi qafas legali ġenerali, li jillimita s-sottokuntrattar u jiżgura responsabbiltà *in solidum* tul il-katina tas-sottokuntrattar, kif ukoll tintroduċi miżuri li jirregolaw ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-intermedjarji tax-xogħol, minbarra l-aġenziji tax-xogħol temporanju;

4. Jenfasizza li l-politiki nazzjonali u reġjonali biex jillimitaw il-livelli ta' sottokuntrattar spiss inbdew b'mod konġunt mis-sħab soċjali, inkluż ir-rappreżentanti tal-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti għall-istabbiliment ta' regola ġenerali li tillimita s-sottokuntrattar għal massimu ta' żewġ livelli taħt il-kuntrattur prinċipali għas-setturi b'riskju għoli ta' sfruttament tal-ħaddiema; jisħaq li l-identifikazzjoni ta' setturi nazzjonali b'riskju għoli u l-istabbiliment ta' proċess ta' devjazzjoni mir-regola ġenerali, fejn debitament ġustifikat, għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-Istati Membri f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali;

5. Jinnota li l-użu dejjem akbar tas-sottokuntrattar għal attivitajiet kummerċjali ewlenin jista' jwassal għal postijiet tax-xogħol frammentati u esponiment akbar tal-ħaddiema għal sigħat itwal, pagi aktar baxxi u nuqqas ta' sigurtà tal-impjiegi; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tiżgura trattament ugwali għal xogħol ugwali u tippromwovi impjiegi diretti f'setturi fejn iseħħu tali riskji;

6. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' ċarezza legali fir-rigward tad-differenzjazzjoni bejn stazzjonar ġenwin u frawdolenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi; jistieden lill-Kummissjoni,

[11] Ir-riżoluzzjoni tat-13 ta' Marzu 2025.

bi qbil mar-rapport Letta, tirrieżamina l-isfidi tal-infurzar u tieħu l-inizjattiva xierqa biex tagħlaq il-lakuni leġiżlattivi identifikati;

7. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-intermedjarji tas-suq tax-xogħol jiġu rregolati aħjar; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-intermedjarji tax-xogħol li joperaw fl-UE jkunu koperti minn skemi ta' reġistrazzjoni u liċenzjar filwaqt li tipprojbixxi, bi qbil mal-Konvenzjoni Nru 181 tal-ILO, kwalunkwe tariffa jew kost għall-ħaddiema mitluba mill-intermedjarji tax-xogħol, direttament jew indirettament, b'mod sħiħ jew parzjali;

Infurzar u kontroll

8. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' sistemi effiċjenti u b'riżorsi tajbin għall-infurzar u l-kontroll għall-ġlieda kontra l-isfruttament tal-ħaddiema; jilqa' r-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-ELA u jtenni t-talba tiegħu[12] lill-Kummissjoni biex issaħħaħ il-mandat tal-ELA;

9. Ifakkar li d-Direttiva 2006/22/KE[13] diġà tistabbilixxi regoli minimi għall-verifika tal-konformità mal-leġiżlazzjoni soċjali fit-trasport bit-triq u jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta inizjattiva leġiżlattiva li tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw kapaċità minima adegwata ta' spezzjoni tax-xogħol għas-setturi kollha ta' riskju għoli, bi qbil mal-punt ta' riferiment tal-ILO ta' mill-anqas spettur tax-xogħol wieħed għal kull 10 000 ħaddiem;

10. Itenni t-talba tiegħu[14] għal introduzzjoni rapida tas-sistema tal-Pass Ewropew tas-Sigurtà Soċjali (ESSPASS) u għal titjib fl-infurzar diġitali tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali u l-mobbiltà ġusta, inklużi l-verifika f'ħin reali u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar kif ukoll l-integrazzjoni tal-ESSPASS mas-sistemi nazzjonali eżistenti tal-karti tax-xogħol;

Prevenzjoni tal-isfruttament tal-ħaddiema

11. Jinnota bi tħassib li l-individwi soġġetti għal projbizzjonijiet ta' kummerċ fi Stat Membru wieħed jistgħu jevitaw ir-restrizzjonijiet nazzjonali billi jirreġistraw u joperaw negozju fi Stat Membru ieħor, u b'hekk jimminaw is-suq uniku; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura rikonoxximent reċiproku awtomatiku tal-projbizzjonijiet tal-kummerċ madwar l-Istati Membri kif ukoll l-iskambju f'waqtu u sigur ta' informazzjoni rilevanti bejn l-Istati Membri;

12. Jilqa' l-użu ta' kundizzjonalitajiet soċjali fi skemi u programmi ta' finanzjament nazzjonali u Ewropej li jorbtu l-pagamenti mar-rispett tad-drittijiet tal-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni tibni fuq l-esperjenza tal-inklużjoni tal-kundizzjonalità soċjali fil-politika agrikola komuni biex tiżgura li l-programmi ta' finanzjament tal-UE jinkludu l-kundizzjonalitajiet rigward l-istandards Ewropej tax-xogħol;

---

[12] Ir-riżoluzzjoni tat-18 ta' Jannar 2024.
[13] Id-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-kundizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 3820/85 u 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/22/oj).
[14] Ir-riżoluzzjoni tal-25 ta' Novembru 2021.

°

° °

13. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-ħaddiema f'setturi bħall-kostruzzjoni, l-agrikoltura, ix-xogħol domestiku, it-trasport u l-loġistika, l-ipproċessar tal-laħam u tal-ikel, is-servizzi tat-tindif, l-ospitalità u x-xogħol ta' kura huma s-sinsla tal-ekonomija tagħna. Fl-istess ħin, fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi Ewropej, dawn huma setturi milquta minn livelli persistenti ta' abbuż, sfruttament u kompetizzjoni frawdolenti, li jagħmlu ħsara lill-ħaddiema kif ukoll lin-negozji leġittimi, speċjalment lill-SMEs.

Diversi inċidenti traġiċi fuq il-post tax-xogħol f'dawn l-aħħar snin madwar l-Istati Membri esponew it-tiġrib uman reali tat-telf tal-kontroll fuq min fl-aħħar mill-aħħar huwa responsabbli li jiżgura l-konformità mal-istandards bażiċi tas-saħħa u s-sikurezza u tal-impjiegi, u dan qajjem tħassib fundamentali dwar l-obbligu ta' rendikont legali, it-traċċabbiltà u l-kontroll fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol.

Fl-istess ħin, il-Europol wissiet li kważi n-networks kriminali kollha li huma l-aktar ta' theddida għall-Ewropa, qed jużaw strutturi kummerċjali legali biex jiksbu bażi fl-ekonomija Ewropea, u li l-loġistika, in-negozji b'użu intensiv ta' flus kontanti u l-kostruzzjoni qed jiġu l-aktar affettwati.

Fix-xenarju tas-sigurtà tal-lum, in-nuqqas ta' sorveljanza jista' jippreżenta wkoll opportunitajiet għall-atturi ostili li qed ifittxu li jiksbu informazzjoni dwar l-infrastruttura kritika, jew li jfixkluha, inkella li jiksbu aċċess għal postijiet tax-xogħol sensittivi mil-lat tas-sigurtà.

M'hemmx fattur wieħed li jixpruna l-isfruttament tal-ħaddiema u r-riskji li dan jirrappreżenta għall-postijiet tax-xogħol Ewropej. Madankollu, hemm ċerti varjabbli li jidhru rikorrenti fl-istudji nazzjonali u Ewropej kif ukoll fir-rapporti mill-awtoritajiet tal-infurzar. Wieħed minnhom huwa d-dipendenza dejjem akbar fuq ktajjen twal u kumplessi ta' sottokuntrattar u l-ieħor huwa l-preżenza ta' intermedjazzjoni abbużiva tax-xogħol. Dawn iż-żewġ prattiki interkonnessi flimkien jagħmluha aktar diffiċli għall-awtoritajiet biex jipprevjenu u jidentifikaw atturi frawdolenti jew kriminali milli jidħlu fil-post tax-xogħol.

Għal ħafna ħaddiema u negozji fuq il-post, din mhijiex sorpriża. Iż-żieda fil-postijiet tax-xogħol mingħajr kontroll adegwat u fejn ir-responsabbiltà hija maqsuma, dilwita u mbuttata 'l isfel fil-katina, ilha tikkawża nuqqas ta' sodisfazzjon għal bosta snin.

Bi tweġiba għal dawn l-isfidi, l-Istati Membri ppruvaw iżidu u jissikkaw il-kontrolli u jieħdu azzjoni biex jipprevjenu l-aktar forom komuni ta' abbuż. Għamlu sforzi biex jillimitaw il-ktajjen twal ta' sottokuntrattar, isaħħu r-rekwiżiti ta' responsabbiltà, iżidu l-iskambju ta' informazzjoni u jistabbilixxu unitajiet ta' kontroll speċifiċi li jiffukaw fuq l-identifikazzjoni u l-eliminazzjoni tal-isfruttament u l-abbuż tal-ħaddiema. Is-sħab soċjali nazzjonali u settorjali wkoll qamu għall-isfida u ħadu inizjattivi awtonomi biex jgħinu fit-tindif tas-setturi tagħhom kif ukoll imbuttaw b'mod konġunt biex il-gvernijiet tagħhom jagħmlu aktar milli qed jagħmlu. Huwa evidenti li dawn l-isforzi kellhom effetti pożittivi importanti, iżda huwa evidenti wkoll li dan mhuwiex biżżejjed u li jeħtieġ li jsir aktar.

L-isfidi jinħassu b'mod partikolari meta jiġu ttrattati kumpaniji li joperaw bejn il-fruntieri, peress li l-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet tal-infurzar, l-iskambju ta'

informazzjoni u l-oqfsa legali ma żammewx il-pass mal-iżviluppi fuq il-post. Mingħajr rispons Ewropew magħqud, isir aktar faċli għall-atturi frawdolenti u kriminali li jisfruttaw id-dgħufijiet tas-Suq Uniku. Hemm ukoll diversi każijiet fejn l-Istati Membri ffaċċjaw sfidi legali meta ħadu azzjoni kontra l-isfruttament tal-ħaddiema u biex jiżguraw il-kompetizzjoni ġusta, spiss b'referenza għad-dritt tal-Unjoni.

L-isfruttament tal-ħaddiema b'mod ġenerali, u forom abbużivi ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol b'mod partikolari, għalhekk jeħtieġu rispons koordinat fil-livell Ewropew.

Rispons b'suċċess għal dawn l-isfidi jrid ifisser li l-mudelli kummerċjali tal-frodaturi u l-kriminali ma jibqgħux profittabbli, u b'hekk jiġu protetti l-ħaddiema u tiġi ffaċilitata l-ħajja għan-negozji kollha li jirrispettaw il-liġi. Dan ir-rispons għandu jkun ibbażat fuq tliet pilastri:

1. Il-prevenzjoni, li tagħmilha diffiċli kemm jista' jkun li wieħed jinvolvi ruħu f'attivitajiet frawdolenti;

2. Il-kontroll, li jagħmel ir-riskju ta' skoperta għoli kemm jista' jkun;

3. Is-sanzjonijiet, biex jiġi żgurat li l-konsegwenzi jinħassu ħafna minn dawk li jinqabdu.

Fl-aħħar mill-aħħar, nittama li dan ir-rapport jinċentiva biex tiġi intensifikata l-ġlieda kontra l-isfruttament tal-ħaddiema b'enfasi fuq il-forom abbużivi tas-sottokuntrattar u l-intermedjazzjoni tax-xogħol, filwaqt li jinġabar appoġġ wiesa' mill-ispettru politiku kollu u mis-sħab soċjali. Filwaqt li l-opinjonijiet dwar soluzzjonijiet preċiżi jistgħu jvarjaw, nittama b'sinċerità li lkoll nistgħu nibdew bir-rikonoxximent komuni li dawn il-problemi fis-suq tax-xogħol Ewropew huma reali, qed jintensifikaw u jeħtieġu attenzjoni urġenti.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TA' KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li fir-rapport tiegħu inkluda kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċieva, għat-tħejjija tal-abbozz ta' rapport, mingħand ir-rappreżentanti ta' interess li ġejjin li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar reġistru obbligatorju ta' trasparenza[1], jew mingħand ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi li ġejjin, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom:

1. Rappreżentanti ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar reġistru obbligatorju ta' trasparenza
3F Byggegruppen
3F Transport
BUSINESSEUROPE
Byggföretagen
Byggnadsarbetareförbundet
CEEMET
Confederation of Swedish Enterprise
Danish Trade Union Confederation EU Office
Deutscher Gewerkschaftsbund
European Builders Confederation
European Construction Industry Federation
European Federation of Building and Woodworkers
European Federation of Food, Agriculture and Tourism Trade Unions
European Trade Union Confederation
European Trade Union Institute
European Transport Workers' Federation
Fagbevægelsens Hovedorganisation
Fastighetsanställdas Förbund
Friedrich-Ebert-Stiftung
Göteborgs Räddningsmission
HOTREC
IF Metall
IndustriAll
Kommunalarbetareförbundet
LO
LO Norge
NHO - Norway
Rättvist Byggande
Svensk Byggkontroll
Swedish Trade Union Office
The Adecco Group

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

Transportarbetareförbundet
UNI Europa
Unionen
World Employment Confederation-Europe
2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur jiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.